04.07.2017

# Diskors mill-Prim Ministru Joseph Muscat li evalwa l-Presidenza Maltija matul is-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew fi Strasburgu

Grazzi Sur President,

Grazzi Membri ta' din il-Kamra li għat-tielet darba fl-aħħar sitt xhur qed nerġa' nindirizzakom. Nistqarr li kull esperjenza kienet waħda li mhux se ninsa. Iżda wkoll djalogu li minnu tgħallimna ħafna.

Fi tmiem din il-Presidenza xtaqt nitkellem ftit fuq dak li ksibna, flimkien. Imma xtaqt li l-enfasi tiegħi ma tiqafx fuq dak li għaddejna minnu bħala Presidenza – li tajjeb infakkar li kienet l-ewwel darba fl-istorja għalina. Imma kif għedt meta ltqajna l-ewwel darba fil-bidu tal-Presidenza, xtaqt li l-kontribut tagħna jmur lil hinn minn sempliċement perjodu żgħir fl-istorja kbira ta' din l-Unjoni.

Ix-xewqa tiegħi tibqa' li ħarsitna bħala politiċi Ewropej konvinti, tibqa' fuq kif se ntejbu ħajjet iċ-ċittadini tagħna u kif għada se nkunu iktar relevanti mil-lum. Kif soċjalment ngħinu lin-nies li qed jaqgħu lura. Kif se nagħtu iktar drittijiet u ugwaljanza sħiħa lil kull ċittadin. Kif se nagħmluha iktar faċli biex il-business jissaħħaħ, jinħoloq xogħol aħjar biex iż-żgħażagħ jaħdmu. Għax huwa l-ġid li joħloq ix-xogħol. U x-xogħol li jnaqqas il-faqar.

Ma rridux nilludu ruħna. Għadna lura ħafna biex in-nies iħossuhom aħjar. Kif se nispjega iktar tard. Is-solidarjetà għadna narawha materja ta' flus. Is-solidarjetà vera iżda hija kwistjoni ta' umanità.

Għalhekk nixtieq li din id-diskussjoni magħkom tkun fuq il-futur tal-Ewropa. Mhux biss il-futur ta' kliem fl-ajru. Imma kif għada se jkun aħjar mil-lum mhux għalina... Imma għaċ-ċittadini tagħna.

U dak li nixtieq li nħallu – reazzjoni katina li tkompli għaddejja bħala filosofija kemm għall-Presidenza tal-Estonja, li persważ li se tkun suċċess, u anke għall-Presidenzi ta' wara. Din trid tkun xi ħaġa li niħduha lkoll flimkien kull wieħed u waħda minna li nemmnu fil-prinċipji tal-Unjoni Ewropea u li dan huwa proġett li għandu joħodna għas-sittin sena li ġejjin u lil hinn.

--
Antonio,
Jean-Claude,
Onorevoli membri u kollegi,

Ninsab hawn illum biex nagħlaq kapitolu żgħir fl-istorja tal-Ewropa – li b'danakollu, għalina l-Maltin bħala l-iżgħar membru tal-UE, ifisser ħafna. Anke jekk it-tmexxija tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri tal-UE jaf ma kellhiex effett dirett fuq iċ-ċittadini, il-poplu Malti xorta waħda jħoss sens ta' kburija. U kull darba li għalaqna faxxiklu u Malta ngħatat tifħir, jew

anke jekk stess irċeviet kritika, aħna ħassejna ruħna parti minn xi ħaġa ikbar mill-gżira li ngħixu fiha. Allura ippermettuli nibda billi nwassal lilkom is-sens ta' pożittività li l-Presidenza tal-UE ġabet lil pajjiżna.

Matul dawn l-aħħar sitt xhur ksibna ħafna fil-mod kif għamilna differenza fil-ħajja tan-nies. Għalaqna faxxikli importanti, neħħejna t-tarriffi tar-roaming, daħħalna l-portabbiltà transkonfinali li tolqot l-applikazzjonijiet li nużaw kuljum, imxejna 'l quddiem fl-inizjattiva tal-Wifi4UE. Faxxikli importanti oħra li għalaqna kienu d-Direttiva kontra l-Evażjoni tat-Taxxa, il-Mekkaniżu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Tassazzjoni Doppja, il-Ħarsien Aħjar għall-Ħaddiema minn Sustanzi li Jikkawżaw il-Kanċer, ir-regoli għal kuntratti bejn in-negozji u l-konsumaturi għall-provvista ta' kontenut diġitali. L-UE ssieħbet fil-Konvenzjoni ta' Istanbul dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa. Rajna wkoll progress serju fis-sigurtà fil-provvista tal-gass, wittejna t-triq għall-5G u lħaqna ftehim dwar id-Dikjarazzjoni ta' Malta li fasslet it-triq 'l quddiem għall-UE.

Dawn huma faxxikli u inizjattivi importanti li, jekk nikkomunikawhom b'mod effettiv, jistgħu juru liċ-ċittadini – anke lill-iżjed millennarji xettiċi – l-importanza tal-UE dwar kwistjonijiet bħall-użu ta' Spotify bid-disponibbiltà b'xejn ta' konnessjoni Wifi, id-drittijiet tan-nisa, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-iffaċilitar tat-teknoloġiji tal-ġejjieni.

Jenħtieġ nisħaq li dawn kollha huma kisbiet pożittivi li għandna nitħaddtu dwarhom fl-interazzjonijiet medjatiċi li jkollna maċ-ċittadini kuljum u meta niltaqgħu magħhom wiċċ imb wiċċ.

B'danakollu l-Presidenza kienet ukoll tfakkira qawwija li għad hemm kwistjonijiet li dwarhom ma narawx għajn m'għajn. Waħda minnhom hija l-migrazzjoni. Minkejja l-intenzjonijiet tajba li nistqarru lkoll fid-dikjarazzjonijiet iffirmati, meta niġu għas-solidarjetà konkreta u effettiva, aħna l-Istati Membri jmissna nistħu, ilkoll kemm aħna, mir-rekord tagħna.

Pajjiżi li bħalna llum qed jilqgħu fihom eluf ta' migranti, pajjiżi li bħall-Italja raw mijiet ta' eluf ta' tfal, nisa u rġiel jilħqu x-xtut tagħhom, iħarsu lejn l-Ewropa – l-iżjed lejn il-politiċi – u jaħsbu: f'dil-kwistjoni l-Ewropa falliet.

Nistgħu nlumu liċ-ċittadini, huma min huma, huma fejn huma, li jħossuhom imqarrqa sempliċement kaġun tar-realtà ġeografika li jgħixu fiha? Kif qegħdin nagħmlu differenza fil-ħajja ta' dawn in-nies? Qegħdin sempliċement biss nagħtuhom tort li jfittxu kenn fil-partiti estremisti?

Huwa proprju f'dan il-kuntest li Malta tappoġġja l-ftehim dwar il-migrazzjoni li ntlaħaq bejn l-Italja, Franza u l-Ġermanja fil-preżenza tal-Kummissarju Avramopoulos. Aħna naqblu ma' iżjed trasparenza finanzjarja għall-NGOs, b'mod partikulari fir-rigward ta' dawk li jiffinanzjawhom. Naqblu dwar regoli ċari fuq l-impenn tal-NGOs u fuq kif dawn imexxu l-ħidma tagħhom fl-ibħra territorjali Libjani, kif ukoll mal-kordinazzjoni totali tal-NGOs mal-Gwardji tal-Kosta Taljana. Wara kollox, din il-gżira żgħira tagħna tiddedika 100% tal-assi tagħha biex tikkopera mal-awtoritajiet Taljani fis-salvataġġ tal-ħajjiet fuq il-baħar kuljum.

Fin-nuqqas ta' solidarjetà konkreta mill-Istati Membri kollha, ħadd ma jista' jlum lill-Istati Membri milquta meta jipprovaw iħarsu l-interessi nazzjonali tagħhom. Iżda xorta nħossni ottimist li m'aħniex ser naqbdu dik it-triq u nemmen li għadna nistgħu nuru solidarjetà

konkreta.  Il-valuri tal-UE mhumiex a la carte, iżda sett ta' prinċipji li naqblu magħhom ilkoll u li għaldaqstant għandna nħaddnu.

Il-Presidenza tagħna kellha tħabbat wiċċha wkoll mal-Brexit.  Din kienet mostru diżastruż li kien imissina rajnieh ġej iżda li ħadd minnha ma seħħlu jwaqqaf.  F'dan il-qasam ħdimna flimkien ma' wħud mill-aqwa persuni, u minn hawn ippermettuli nfaħħar mill-ġdid il-kontribut ta' Michel Barnier u l-kollaborazzjoni eċċellenti bejn il-Kunsill, il-Kummissjoni, il-Parlament u l-President tal-Kunsill tal-Ministri.  Iżda xorta waħda, x'qegħdin infaħħru hawnhekk?  It-termini ta' divorzju skabruż li ser ikollhom iġarrbu miljuni ta' ċittadini?  Mill-ġdid, m'aħniex naħdmu biżżejjed biex nevitaw separazzjoni possibbli oħra minn xi Stat Membru.

Din l-analiżi awtokritika rigward il-ħidma tagħna għandha tibqa' għaddejja.  Din mhix xi awtoflaġellazzjoni, iżda riflessjoni tal-ħsibijiet li n-nies iwasslulna fil-bliet u fl-irħula tagħna.

Hemm ukoll dimensjoni oħra li m'għandniex ninjoraw.  L-Ewropa ma tiqafx mal-fruntieri tagħha.  Ir-rwol tagħna fid-dinja huwa kruċjali u ċentrali daqs ta' kull kontinent ieħor, u dan sar jgħodd iżjed u iżjed f'dawn l-aħħar xhur.  Ninsabu fuq quddiem nett f'ċerti kwistjonijiet li jaqsmu l-oċeani u l-foresti, pereżempju bħall-Bidla fil-Klima.  F'dan il-kuntest għandna nibqgħu niddefendu l-ftehim dwar il-Bidla fil-Klima li twieled f'Pariġi u li baqa' jinfirex mit-Tramuntana san-Nofsinhar, biex imbagħad issa sab min jiqaflu.  Ir-rwol tal-Ewropa mhux li toqgħod tiftaħ il-kanuni – iżda li tibni l-pontijiet billi tikkonvinċi lil kull nazzjon li l-ġejjieni tagħna jiddependi mid-deċiżjonijiet li nieħdu kuljum.

L-Ewropa m'għandhiex tagħlaq għajnejha dwar dak li qiegħed jiġri daqs 60KM min-Nofsinhar ta' Malta, għax il-Libja hija ġara tal-Ewropa daqs kemm huma l-ġirien paċifiċi li jinsabu fit-Tramuntana, fil-Punent u fil-Lvant tax-xtut tagħna.  L-iżvilupp hija kwistjoni li rridu nibqgħu mmexxu, u dan mhux billi niksu l-problema bil-flus.

L-ibħra tagħna għandhom ikunu forza li tgħaqqad lid-dinja.  Il-viżjoni tagħna għad-dinja għandha tibni l-pontijiet u mhux il-ħitan.

Iżda qabelxejn irridu nifhmu li s-solidarjetà trid tibda f'darna stess u għandha tintwera mal-iżgħar membri tal-familja tagħna u ma' dawk li jkunu għaddejjin minn xi kriżi.  Flimkien għelibna bosta sfidi.  U jekk nisimgħu mill-poplu tagħna għad nerġgħu nqumu mill-ġdid għall-okkażjoni u nistejqru fuq kwistjonijiet kruċjali li jolqtu liċ-ċittadini fuq il-postijiet tax-xogħol, fil-klassijiet ta' wliedna, fl-isptarijiet tagħna u fid-djarna meta l-familji jinġabru madwar mejda biex jiddiskutu s-suċċessi u l-fallimenti li jġarrbu.

Fl-aħħar – irrid niżżi ħajr lill-President tal-Kunsill Donald Tusk, il-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker u l-President tal-Parlament Antonio Tajani.  L-appoġġ kontinwu tagħkom kien spirtu ta' gwida għall-Presidenza tagħna.  Min qatt kien jobsor li gżira żgħira bil-popolazzjoni ta' Malta – popolazzjoni ta' nofs miljun biss, voldieri daqs Belt Ewropea ta' daqs medju – kienet ser tasal tippresiedi mijiet ta' laqgħat u tagħlaq bosta aspetti importanti ħafna li jolqtu l-ħajja ta' tant miljuni ta' Ewropej.

Nixtieq ukoll nawgura l-isbaħ suċċess lill-Estonja li ser tieħu f'idejha l-Presidenza.

## 04.07.2017

Fl-aħħar nett, qiegħed niftakar okkażjoni partikulari meta konna l-Italja u l-President Taljan Mattarella għamel analiżi eċċellenti tal-Ewropa billi qal: "L-Ewropa hija magħmula minn stati żgħar, u minn stati li għadhom ma ntebħux kemm huma żgħar."



Photo - DOI - Jeremy Wonnacott

# 04.07.2017




Photo - DOI - Jeremy Wonnacott



https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35365142140/in/album-72157675458927640/
https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35583528292/in/album-72157675458927640/
https://www.flickr.com/photos/eu2017mt/35365141940/in/album-72157675458927640/